Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
**bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

***Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)***

***Pulizija***
***Supt. Paul Debattista***
***v***
***Mario Farrugia***

Illum 23 ta' Jannar 2001

l-Qorti,

Rat – Semghet – Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qed jigi akkuzat bis-segwenti reati: **Pussess Illegali (semplici)** tal-pjanta tal-cannabis; **Koltivazzjoni** tal-istess pjanta; Ksur tal-Ordinanza dwar **l-Armi**; Ksur tal-Ordinanza dwar id-**Dwana** kif ukoll Ksur tad-disposizjonijiet tal-ligi dwar il-**VAT** – *"matul dawn l-ahhar xhur qabel is-17 ta' Awissu 1995."*

**Kwadru tal-Fatti**

Mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fit-12 ta' Awissu 1995 il-pulizija rceviet informazzjoni li kienet qed titkabbar il-cannabis f' ghalqa Had Dingli okkupata mill-imputat. Meta il-pulizija marru fuq il-post sabu li go parti mill-ghalqa indikata, mohbijin bejn tankijet kbar tal-ilma u s-sigar kien hemm **23 xitla tal-pjanta tal-cannabis sativa** gholjin minn minimu ta' 1.25 metri sa massimu ta' 2.50 metri – media ta' zewg metri gholi.

Illi inizjalment il-pulizija ddeciediet li tpoggi l-post that sorveljanza; izda meta kienu ghaddew circa hames tijiem u ma resaq hadd lejhom, gie deciz li l-pulizija tintervjeni.

Fil-fatt dak in-nhar stess is-17 ta' Awissu 95 l-imputat gie arrest mill-fond 54 Main Street Dingli li huwa razzett okkupat minnu fejn kien izomm l-ghasafar . Rizultat ta' tficcija li saret f' dan il-fond, gie elevat *air rifle*.

Illi mid-deposizjoni tas-Supt. Paul Debattista irrizulta li, fuq rikjesta tal-pulizija, l-imputat hadhom fid-diversi ghelieqi okkupati minnu; *"u finalment wara li bqajt ninsisti jekk kellux ghelieqi ohra (li l-imputat) hadna fl-ghalqa fejn sussegwentement fil-fatt kien hemm il-pjanti tal-cannabis" (fol.52).*

Fl-istess gurnata, izda wara nofs in-nhar, il-pulizija ghamlet tficcija fir-residenza tal-imputat go 20 St. Mary Street Dingli, u hemmhekk fl-ahhar indana tat-tarag li jghati ghal-bejt instabu frak ahdar fuq xkora tal-gwiez, li *"kienu qeghdin hemm qishom biex jinxfu". (fol.61).* Dawn gew elevati u kkonsenjati minn PS 951 Joseph Tonna lis-*scene of the crime officer* PC. 881 Charles Grech.

Illi dan l-espert ha kampjuni mix-xtieli fuq indikati u, <u>flimkien mal-weraq ahdar kkonsenjat lilu minn PS 951 Joseph Tonna</u>, *"tpoggew individwalment go invelopp kannella tal-Gvern ta' Malta; b' kollox kien hemm 23 invelopp ..." (Dok.AG – CG fol.20).* Dawn gew konsenjati minnu lill-espert forensiku Dr.Anthony Abela Medici li kkonkluda li fl-invelopps **<u>kollha</u>** kien ***<u>hemm evidenza ta' weraq tal-cannabis sativa</u>***.

Rigward l-akkuzi l-ohra, il-Qorti tosserva li rrizulta sodisfacentement provat li l-imputat ma kellux licenzja sabiex izomm din l-arma li giet stmata fl-ammont ta' LM60 u li fuqha ma kienux thallsu la dazju u lanqas VAT.

Illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, l-imputat qal li l-ghalqa in kwistjoni kienet ghandu bi qbiela, u li l-ahhar li kien hadem fiha kien f' April ta' dik l-istess sena meta qala t-tewm. Rigward l-ghodda li kien hemm fl-ghalqa, l-imputat qal li dik kien xtraha hu, u kien ihalliha f' dik l-ghalqa peress li z-ziju tieghu kien jghamel hekk, u hu zamm l-istess usanza.

Dwar ix-xtieli tal-cannabis misjuba fl-ghalqa l-imputat wiegeb li **ma kien jaf b' xejn**. L-istess dwar il-frak tal-haxixa li nstabu fir-residenza tieghu, u wiegeb li ma kienx jaf

bihom. Rigward l-*'air rifle'* l-imputat qal li din kien xtraha minghand wiehed versu l-prezz ta' LM150 u li hu ma hallas dazju fuqu u lanqas kellu licenzja biex izommha.

Illi fid-deposizjoni tieghu quddiem din il-Qorti l-imputat kompla jinnega li kien jaf bl-esistenza kemm tax-xtieli li kienu fl-ghalqa mqabbla ghandu, kif ukoll tal-frak tal-cannabis li nstabu gor-residenza tieghu.

Rigward ix-xtieli huwa baqa jsostni li kien ilu ma jmur f' dik l-ghalqa minn April u minn dak in-nhar li qala t-tewm ma regax resaq l' hemm.

Rigward il-weraq tal-cannabis li nstabu fir-residenza tieghu, huwa spjega li f' dak iz-zmien kien ghadu kemm bajjad it-tromba, u kien halla miftuh ghal xi zmien il-bieb tal-bejt minhabba r-riha. Sostna li mill-fond adjacenti li kien ghadu that kostruzzjoni persuni setghu facilment dahhlu fuq il-bejt tieghu u *ad insaputa* tieghu, stante li l-hajt divizorju kien ta' filata wahda biss. Huwa semma wkoll persuna li kien ra f' dan il-fond, u li skond hu kien mgharuf fic-cirku tal-abbuz tad-droga.

Illi l-imputat pproduca xhieda sabiex jghati konfort lill versjonijiet tieghu.

Illi din il-Qorti, wara ezami rett tal-provi, issibha difficli hafna sabiex tikkonsidera bhala veritiera l-allegazzjoni tal-imputat li minn April sa Awissu huwa ma kien resaq qatt lejn l-ghalqa mqabbla ghandu u <u>li huwa kien ghadu jahdem u fejn kien ihalli l-ghodda tieghu.</u> Il-Qorti issibha difficli, fic-cirkostanzi tal-kaz, li temmen li l-imputat kien inkonsapevoli tal-esistenza ta' dawk ix-xtieli.

Fatt li jimmerita konsiderazzjoni in propositu huwa dak, li jidher car mir-ritratti esebiti, li ghalkemm uhud mix-xtieli kienu mizrugha go kontenituri, numru sostanzjali minnhom kienu <u>mizrugha direttament fil-hamrija fl-ghalqa</u> (ara ritratt EC 78) – liema fatt juri li <u>l-koltivazzjoni u t-tisqija taghhom kienet saret u baqghet issir fuq perijodu ta' zmien **_fl-ghalqa de quo_**</u> (li l-espert forensiku kkalkola li kien ta' circa hames xhur). Din il-konsiderazzjoni fattwali timmilita kontra l-ipostiesi li xi hadd, bi skop malinn, kien <u>pogga</u> ix-xtieli hemm u mbaghad informa lill-pulizija bl-esistenza taghhom.

Illi di piu' il-Qorti tosserva li hija inverosimili it-tesi li terza persuna tikkoltiva numru ta' xtieli f' ghalqa ta' haddiehor ghal circa hames xhur, bir-riskju li l-okkupant taghha jitfacca improvvisament; *multo magis*, meta jigi kkonsidrat li l-okkupant u cioe' l-imputat ihalli l-ghodda hemm u di piu' ghandu ghelieqi ohra fil-vicinanzi.

Illi in vista tal-premess il-Qorti hija tal-fehma li l-akkuza ta' **Koltivazzjoni** tal-pjanta cannabis– li fiha tinsab assorbita l-akkuza ta' **Pussess Illegali** tal-istess droga – tinsab sodisfacentement provata skond il-ligi.

Illi rigward l-akkuzi l-ohra, il-Qorti hija tal-fehma li dawna gew sodisfacentement provati. In propositu, ghall-akkuza (d) u (e) il-Qorti tosserva li l-akkwist tal-arma sar f' cirkostanzi li l-imputat ma kienx gustifikat, fic-cirkostanzi, jahseb li d-dazju kien thallas, jew messu ragjonevolment haseb li d-dazju ma kienx imhallas *(vide. App.Krim. Pul.v Francis Saviour Borg – 23.9.94; AK. Pul.v Anthony Chircop – 26.8.98).*

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi, u wara li rat l-Artikolu 17 tal-Kap.9, l-Artikoli 8 ( c u d) u 22 (2)(b)(I) tal-Kap.101 u l-Artikoli 62 (g)(h)(I)(k) Kap.37 u l-Artikolu 65 tal-Att Dwar Taxxa fuq il-Valur mizjud (X11/94) u l-Art.3,9 u 19 tal-Kap.66 u, wara li hadet konjizzjoni tal-fedina penali netta tal-imputat, tikkundannah komplessivament ghall-piena ta' ***prigunerija ghal zmien hames snin u multa ta' tlett elef lira maltin (LM3000)***; inoltre tordna l-konfiska tal-arma in kwistjoni a tenur tal-Art.19 tal-Kap.66.

In fine tordna d-destruzzjoni tad-droga kollha li giet esebita f' dawn il-proceduri a karigu tal-ispizjar Mario Mifsud li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop.

Illi in kwantu ghat-talba mghamula skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9, dina ma tistax tintlaqa' peress li l-esperti relevanti ma gewx nominati fil-proceduri gudizzjarji.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***